# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Frar 2023 Ħarġa Nru 28

**Kumitat 2023 - 25**

**President**

Adrian Schinas

**Viċi-President**

Valent Xuereb

**Segretarju**

___________

**PRO Editur Fuljett**

Norbert Gingell

**Teżorier**

Angele Xuereb

**Membru responsabbli mill-Attivitajiet**

Owen Caruana

**Membru**

Godfrey Mangion

**ATTIVITA' GĦAL FRAR**

**POST: SE NŻURU KAPPELLI FIŻ-ŻURRIEQ.**

**DATA: IL-ĦADD 19 TA' FRAR.**

**AKTAR INFORMAZZJONI DETTALJATA SE SSIBUHA FIĊ-ĊIRKOLARI LI SE TIRĊIEVU.**

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Is-sena bdejniha bit-tajjeb u dan jawgura futur tajjeb għal Għaqda. Il-ħarġa ta' Jannar kienet suċċess billi attendew numru sabiħ ta' membri u ħbieb, li b'kollox kienu jammontaw għal kważi 40 ruħ.

L-esperiment li l-Laqgħa Ġenerali Annwali issir waqt l-attivita ta' Jannar irnexxiet, minħabba in-numru tajjeb tal-membri li kienu preżenti . Fis-snin ta' qabel kienu jattendu il-veru ftit membri.

Issa l-Kumitat il-ġdid se jibda jaħdem fuq dak li kien ipprepara l-Kumitat ta' qabel u jfassal il-programm għal kumplament tas-sena.

Niehu din l-okkazzjoni sabiex f'ismi u f'isem il-membri l-oħra tal-Kumitat nirringrazzjaw lis-sur Leonard Agius tal-ħidma li għamel matul dawn l-aħħar snin bħala Segretarju tal-Għaqda, billi kellu jirrizenja mill-Kumitat minħabba raġunijiet personali. Il-Kumitat jinkoraggixxi lil Membri li jixtiequ jimlew il-kariga ta' Segretarju biex javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat . Għal issa sabiex il-Kumitat jista jaħdem, il-President se jassumi id-dmirijiet tas-Segretarju. U biex jitħaffef ix-xogħol tas-Segretarju, is-sur Owen Bonnici ġie maħtur bħala l-uffiċjal inkarigat mill-attivitajiet u ħarġiet organizzati tal-Għaqda. Nawgurawlu kull success f'din il-ħidma.

*N. Gingell*
*Għal Kumitat*

## KAPPELLA SANTA MARIJA – ĦAX-XLUQ, SIĠĠIEWI



Waħda mill-eqdem kappelli li hawn fil-gżejjer tagħna hija il-kappella ddedikata lill-Assunzjoni tal-Madonna, fir-raħal tas-Siġġiewi. Din il-knisja tinsab fit-triq li twassal mis-Siġġiewi għal Qrendi, u hi magħrufa ukoll bħala ta' Ħax-Xluq minħabba li fejn tinsab fl-antik kien hemm raħal żgħir li kien iġib dan l-isem.

Is-Siġġiewi huwa raħal antik ħafna, hekk li fl-1436 kien diġa jeżisti bħala parroċċa għax jissemma' fir-*rollo* tal-isqof Senatore de Mello. Dak iż-żmien ir-raħal tas-Siġġiewi kien jikkonsisti f'erba' rħula żgħar: Ħal Kbir, Ħal Niklusi, Ħal Kdieri u l-ikbar fosthom Ħax-Xluq. Fir-rapport taż-żjara ta' Monsinjur Dusina fl-1575, insibu li f'dawn l-erba' rħula żgħar sab xejn inqas minn 46 knisja, li 6 minnhom kienu jinsabu f'Ħax- Xluq, b'din ta' Santa Marija kienet il-knisja prinċipali ta' dan ir-raħal. Kien f'din il-knisja ta' Santa Marija li kienu jsiru l-magħmudijiet tat-trabi, minkejja li l-knisja parrokkjali kienet dik iddedikata lil San Nikola.

Fiż-żjara tiegħu Dusina pprofana ħafna knejjes, u fost dawn kien hemm il-knisja ta' Santa Marija li skont ir-rapport tiegħu, kienet fi stat diżastruż u ma setgħatx tkompli sservi bħala post fejn jitqaddes il-quddies. Wara li l-knisja ġiet ipprofanata fl-1575, il-knisja intelqet għal kollox, u kienet waslet biex tiġġaraf. Iżda fl-1583 ċertu Ġann Pawl Buttigieg, missier Dun Stiefnu Buttigieg, reġa' bnieha mill-ġdid, għammarha b'kull ma' kien meħtieġ, saħansitra anke bi kwadru titulari impitter fuq tlett tilari tal-injam. Buttigieg ħallielha wkoll ir-renti ta' għalqa żgħira magħrufa bħala *ta' Kobbi* biex tkun tista' tiġi ċċelebrata quddiesa u jinxtegħel il-lampier fil-festa ta' Santa Marija. Fl-1596 Dun Stiefnu Buttigieg sar ir-rettur ta' din il-knisja u ftit snin wara laħaq ukoll bħala l-kapillan tal-parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Hu kien ħalla fondazzjoni biex tiġi ċċelebrata quddiesa kull xahar. Fl-1615 ċertu Anton Dalli kien ħalla żewġ għelieqi li l-qliegħ tagħhom kellu jmur għal bżonnijiet tal-knisja.



In-nies tal-akkwata kienu jżommuha fi stat tajjeb ħafna hekk li fiż-żjara pastorali tal-isqof Molina fl-1680 fis-Siġġiewi, hu kien ipprofana diversi knejjes fosthom oħra ddedikata lil San Nikola fl-inħawi ta' Ħax-Xluq stess, imma rrimarka li l-knisja ta' Santa Marija kienet fi stat tajjeb. L-isqof Molina ttrasferixxa l-fondazzjonijiet li kellhom dawn il-knejjes ipprofanati għal knisja ta' Santa Marija ta' Ħax- Xluq.

Din il-knisja hija fost l-isbaħ li għandna fil-gżejjer tagħna. L-antikità tagħha nistgħu narawha mill-gwarniċa nofs tond li hemm fuq il-bieb prinċipali. Fortunatament meta saru alterazzjonijiet fil-faċċata



matul iż-żmien, din il-gwarniċa tħalliet kif kienet fl-oriġinali. O ħrajn simili tagħha insibuhom fi knejjes ta' oriġini medjevali, bħal dik li ta' San Bażilju fl-Imqabba. Il-knisja għandha tieqa rettangolari li hi l-uniku sors ta' dawl għal ġewwa l-knisja, u bieb ieħor fuq in-naħa tax-xellug. Iktar tard żdied il-kampnar imdaqqas li hemm fuq l-knisja, fejn għad hemm il-qanpiena. Għadna nistgħu naraw ukoll xi mwieżeb tal-ilma tax-xita. Maġenb il-bieb prinċipali hemm żewġ bankijiet tal-ġebel wieħed fuq kull naħa tal-bieb.



Minn ġewwa l-knisja għandha saqaf xorok ċatt, li jistrieħ fuq arkati kbar ġejjin għall-ponta u li jibqgħu niżlin sal-art.






It-Tlugh is-Sema ta' Marija
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Santa Marija (Ħax-Xluq) - Siġġiewi*

Din hija xhieda oħra tal-qedem ta' din il-knisja. Il-kwadru titulari tal-knisja juri x-xbieha ta' Marija Santissima tiela' s-sema. Dan qiegħed f'perspettiva tal-ġebel li fiha pilastri li jżommu pediment segmentali.

Fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru titulari naraw kwadru ieħor sabiħ ta' Kristu quddiem Pilatu. Dawn iż-żewġ kwadri huma attribwiti għall-allievi tal-



iskola ta' Francesco Zahra.

Fuq in-naħa tax-xellug tat-titular hemm kwadru żgħir li juri lil Kristu mgħobbi bis-salib. Hemm ukoll kwadru tal-Madonna tar—Rużarju fis-sagristija tal-knisja. Fil-knisja nsibu wkoll statwi ta' Santu Rokku u ta' Santa Rita.



Fl-imgħoddi f'din il-knisja kienet tiġi ċċelebrata festa fil-jum tal-għid tal-Assunta, jiġifieri l-15 t'Awwissu. Hemmhekk kienu jitkantaw il-vespri, u l-kapillan tas-Siġġiewi kien jitla' jqaddes quddiesa għal okkażżjoni. Il-festa llum għadha ssir ta' kull sena, imma issa qed tiġi ċċelebrata Ħadd fuq il-15 t'Awwissu.



TITULAR L-ANTIK—
impitter fuq l-injam c 1384



Marija immakulata

***Kitba ta' Roderick Busuttil***
*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*

***Ritratti: L Agius, M Debono, M Micallef, N Gingell***

# KAPPELLA SAN NIKLAW, ĦAL NIKLUSI (*NICOLOSI*), SIĠĠIEWI



F'tarf il-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi li jmiss mall-Qrendi f'post bejn żewġ irħajjel, dak ta' Ħal Niklusi (*Nikolosi*) u dak ta' Ħal Kbir, wieħed isib kappella ddedikata lil San Niklaw. Fra Giovan Francesco Abela fil-ktieb tiegħu tas-sbatax il-seklu "Malta Illustrata" isemmi lil din il-kappella . F'dan il-ktieb li nkieteb fi żmien il-Gran Mastru De Rohan, Abela speċifikament isemmi l-vista pastorali tal-Isqof Dusina fl-1575 u l-osservazzjonijiet tiegħu dwarha: l-artijiet u l-għelieqi tal-madwar, il-quddies, il-vespri, l-obbligazzjonijiet u affarijiet oħra.

Għalkemm il-kappella li naraw illum inbniet fis-seklu 17 (c1650) hu mifhum li qabilha fuq l-istess sit kien hemm oħra ferm eqdem, x'aktarx fit-12-il seklu f'post magħruf bħala Tal-Merħla f'San Niklusi. Dan kien żmien meta r-rit tal-Knisja kien wieħed Latin u meta l-monastiċiżmu Latin beda jsib l-għeruq tiegħu u jiffjorixxi f' Malta. Din il-kappella kienet ġiet iddedikata lil San Nikola, hekk li hija l-eqdem knisja / kappella fis-Siġġiewi u l-inħawi li hemm illum.

Id-devozzjoni lejn San Nikola hija l-aktar manifestata fin-numru ta' irġiel li jidru fil-lista tal-Militia lokali (Dejma) tal-1420 fejn sebgħa persuni kellhom l-isem ta' Kola. Ta minn iżomm f'moħħu n-numru tal-popolazzjoni tal-irħajjel f'dawk iż-żmienijiet. Fl-1514 f'Ħal Niklusi kiemm hemm reġistrati 100 post ta' abitazzjoni.

Fis-sena 1362 in-Nobbli Isolda de Landolini, armla ta' Lanza Corbone minn Noto Sqallija, u li kienet bla tfal, ħalliet b'Legat il-ġid kollu li kellha hawn Malta lil Patrijiet Benedittini. Il-Legat kien jikkonsisti f'kappella, irziezet, u artijiet fis-Siġġiewi. F'dan il-Legat kien hemm kundizzjoni li 5 jew 6 Monaci jiġu jgħixu hawn Malta, jibnu Monasteru qrib il-kappella u joffru talb għal ruh żewġha. Filwaqt li l-Patrijiet ħadu l-pussess tal-propjetà u ġew Malta, jirriżulta li l-Monasteru qatt ma nbena. Hu mifhum li kienu sabu diffikultà biex jifthiemu man- nies tal-lokal u bdew ukoll iħossu l-biżà tal-furbani.



Billi din il-kundizzjoni ma nżammitx mill-Patrijiet Benedittini, l-Isqof Ilario Corrda fl-1364 għadda dan il -Legat lil Monastreru ta' San Nocola d'Arena ta' Catania. Il-propjetà baqgħet tagħhom sal-1832 meta sar ftehim bejn id-Djoċesi ta' Malta u l-Patrijiet ta' San Nicolo d'Arena fejn id-Djoċesi Maltija ħadet pussess ta' dak li kien fadal mill-wirt ta' Isolda filwaqt li ċediet xi artiiet lill-Monasteru li d-Djoċesi Maltija kellha fil-belt ta' Lentini f'Sqallija.

Sa 100 sena ilu din il-kappella kienet tagħti servizz nhar ta' Ħadd lill-bdiewa tal-irziezet ta' dawn l-inħawi. L-aħħar saċerdot kien Dun Manwel Zammit mis-Siġġiewi.



Il-kappella, li hija ftit imdaqqsa, għandha pjanta rettangolari b'saqaf troll maqsum f'seba' arkati li jistrieħu fuq sitt kustilji li telgħin minn xkaffa fuq l-għoli tal-ħitan tal-ġenb. Għandha altar wieħed li jinsab f'daħla baxxa li għandha żewġ pilastri Doriċi u



arkata 'l fuq. Fil-ħitan tal-ġenb, f'wieħed hemm niċċa bi statwa tal-Madonna u fl-ieħor bieb li jagħti għal barra. Mal-ħajt ta' fuq il-bieb man-naħa ta' ġewwa hemm arma tal-irħam tal-Monasteru Benedittin ta' Katanja. Il-faċċata fil-kantunieri għandha pilastri Doriċi wkoll li minnhom jitla l-frontispizju u li fuqu f'nofsu hemm kampnar eleganti bit-tiżjin fil-ġnub tiegħu. Mill-frontispizju tinżel ċinta li ddur mal-erba' ħitan tal-kappella. Il-bieb huwa kwadru u fuqu hemm arkata li fiha wkoll hemm l-arma tal-Monasteru Kataniż. Aktar 'l fuq naraw tliet niċeċ vojta. Fuq quddiem tal-kappella hemm zuntier li huwa magħluq minn ħajt baxx.



Din il-kappella għanda artal wieħed b'titular iddedikat lil San Nikola. Mhux magħruf minn pitter dan il-kwadru. Kien hemm żmien meta fuq l-artql kien hemm kwadru ta' Ġesu tal-Ħniena Divina filwaqt li l-kwadru titulari ta' San Nikola kien poġġut mal-ħajt tal-ġenb.



Dan m'għadux hekk għax hu mifhum li fuq ordni tal-Arċisqof it-titular reġa' tpoġġa fuq l-altar kif huwa xieraq.

***L-informazzjoni hija misluta mill-kitbiet ta' Dun Nikol Aquilina , Anthony M Brincat .u dawk misjuba fuq l-Internet***

***Ritratti: Anthony M Brincat, M Micallef, L Agius***

# KAPPELLA MADONNA TAL-PROVIDENZA, SIĠĠIEWI



Fit-triq mis-Siggiewi lejn Għar Lapsi, f'post li jissejjaħ Ħal Kbir, li fl-antik jingħad li kien wieħed mill-akbar irħula ta' Malta, insibu din il-kappella magħrufa għal portiku tagħha. Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Providenza hija antika ħafna. Fiż-żjara ta' Dusina tal-1575, f'Ħal Kbir kien sab knisja dedikata lill-Madonna fil-Ħarba tagħha fl-Eġittu u xi knejjes oħra li llum spiċċaw.

Meta r-raħal ta' Ħal Kbir ġie abbandunat, il-knisja ġiet mitluqa tant li fl-1747 l-Isqof de Bussan kien ordna li tiġi pprofanata. Il-kappillan tas-Siġġiewi, Dun Michelangelo Mamo, kien iddispjaċut ħafna u ddeċieda li jibniha mill-ġdid hekk li ipperswada lill-Isqof de Bussan biex jagħtih permess li jerġa' jiftaħha. Il-knisja, skont Leonard Mahoney, ġiet mibnija fuq l-istil tal-knisja ta' Liesse tal-Belt Valletta. Il-knisja l-ġdida tbierket fis-16 ta' Settembru 1753 mill-Kapillan Mamo b'delegazzjoni tal- Awtorità Ekkleżjastika.

Maż-żmien bdiet tiżżejjen b'opri tal-arti. Kellha altar wieħed u l-kwadru titulari, li ġie kkummissjonat mill-Kapillan Mamo nnifsu, li juri lill-Madonna b'Ġesu fi ħdanha, imdawra bl-anġli. Fil-parti t'isfel jidhru l-erwieħ tal-purgatorju u San Mikiel Arkanġlu. L-artist kien Enrico Arnaux. Fl-1804 dan it-titolar ta' Arnaux tneħħa u minfloku tqiegħed ieħor tal-lum tal-pittur Palermitan Giuseppe Velasqueza, li juri lill-Madonna b'Binha Ġesù fi ħdanha, fuq l-isħab b'idha miftuħa tbierek ir-raba, xebħ tal-Providenza Divina, hekk li baqgħet magħrufa bħala l-knisja tal-Providenza.



Fl-1815 il-knisja sofriet xi ħsarat meta ntlaqtet minn sajjetta. Biex jigi rranġat il-ħajt li ġġarraf bil-ħsara, inbena portiku sabiħ majestuż li hemm llum fuq id-disinn tal-arkitett Mikiel Cachia. Fuq il-faċċata ta' barra tispikka l-iskultura li tirrappreżenta għasafar inaqqru rummiena, li tirrappreżenta l-providenza.



Il-knisja għandha koppla sabiħa ħafna, skolpita, b' kampnar żgħir li fih qanpiena li ġġib l-arma tal-Gran Mastru Pinto. Minn ġewwa il-kappella hija mżejna b'pilastri iggruppati ta' stil kompost u kull kwadru hu mżejjen b'rederos stil rococo b'anġli, weraq, arzelli, liedna, putti u kull tiżjin immaġinabbli li wieħed jista' jaħseb fih. Il-kappella hija mdawwra b'entablatu ra bi friż iddekorat u li fuqha jserrħu għadd ta' twieqi li jagħtu d-dawl lill- kappella.






Il-koppla minn taħt ġewwa

Perspettiva tal-artal ewlieni u t-titular



Il-kappella fiha għadd ta'xogħolijiet tal-arti li kienu qed jiddeterjoraw għal diversi raġunijiet: id-dawl naturali li kien jaqa' fuqhom mit-twieqi; l-umdità; u l-instabilità tal-atmosfera li l-kappella nnifisha fiha. Fl-2004 l-Arċipriet tas-Siġġiewi flimkien ma' kumitat ħadmu biex isir restawr. Tlett pitturi maħdumin biż-żejt fuq il-kanvas impittra minn artisti mhux magħrufa lejn tmiem is-seklu tmintax kienu fost ix-xogħolijiet li ġew restawrati fl-2006. L-iktar waħda li kienet ġarrbet ħsara minħabba



t-tnixxija tal-ilma kienet dik ta' **San Pawl Eremita ma' San Anton Abbati,** x'aktarx ta' Francesco Zahra. Il-kwadru kellu wkoll tiċrit tal-kanvas, tpaħpieħ tat-tila u partijiet taż-żebgħa li kienu ddeterjoraw. Il-qafas tal-injam tant kien ġarrab ħsara li ma setax iżomm il-kanvas fuqu u kellu jsir intervent ta' emerġenza fuq il-kwadru qabel dan ma seta' jiġi trasportat għar-restawr.

Iż-żewġ pitturi l-oħra li ġew restawrati, dak ta' **San Gejtanu ma' San Filippu Neri** kif ukoll tal-**Assunta,** kellhom ħsarat fiż-żejt li jgħaqqad iż-żebgħa u għalhekk





kienu jidhru imptappnin. Parti mill-ħwejjeġ tal-Assunta kellhom xi moffa fuqhom u minħabba f'hekk kienu swiedu. Ir-restawr fuq dawn it-tlett pitturi dam 18-il xahar u tlesta fl-2006.



Fuq il-bieb li jagħti għas-sagristija hemm pittura oħra li turi lil **San Kożma u San Damjan**, kopja ta' li hemm fis-sagristija tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann impinġija minn Mattia Preti fl-1698. Fuqha tidher stemma araldika iżda billi l-pittura ma tantx hi fi stat tajjeb, id-dettalji ta' din l-istemma ma jidhrux sew, x'aktarx ta' minn ikkummissjona l-kwadru, iżda la nafu ismu u lanqas id-data ta' meta tpittret.



Hemm ukoll numru kwadri oħra madwar il-knisja, fosthom **il-Konverżjoni ta' San Pawl, il-Ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu** u l-**Assunta l-antik**.



Pittura oħra turi saċerdot, possibilment **San Filep**, ikeċċi x-xjaten minn tfajla. Hemm ukoll



statwa ta' Santu Rokku kif ukoll **ħafna kwadri *ex-voto*.**

Wieħed jara wkoll fil-ġenb tal-altar maġġur balla ta' kanun Tork li hija tifkira tal- Assedju l-Kbir tal-



1565 fejn fid-difiża tas-swar tal-Birgu kien hemm madwar 560 raġel mis-Siġġiewi.

Il-festa fil-knisja tal-Providenza kienet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Settembru. Dak iż-żmien ħafna nies kien jimxu mis-Siġġiewi biex jaslu lejn din il-knisja, li tinsab qalb il-kampanja. Il-festa għadha tiġi ċċelebrata sal-lum, iżda fuq skala anqas.

***Kitba ta' Roderick Busuttil***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*

***Ritratti: M.Micallef, L Agius, N Gingell***

## TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*



**SAMROTT** Ġebel mibni f'forma ta' arkata mal-bieb ta' barra l-kappella. Dan ikun magħmul b'mod li ċ-ċnagen iserrħu waħda mal-oħra biex mirfudin flimkien jifformaw ħnejja stabbli li fuqha jista' jinbena l-bqija tal-faċċata tal-kappella jew knisja. Fin-nofs ta' din l-arkata jkun hemm iċ-**ĊAVI**. Is-samrott hu ta' siwi biex jistabbilizza u jifrex it-toqol tal-binja. Ing. / Franċiż: **VOUSSOIR**.



**SKUTELLA** Il-koppla proprja li sserraħ fuq il-tambur.

**TAMBUR** Il-kostruzzjoni għolja, forma ta' ċirku li minn fuq il-bejt tal-knisja, togħla 'l fuq biex fuqha sserraħ il-koppla.



**TIKLIB** Il-proċess li bih tinbena koppla. Kull ħaġra tirkeb lill-oħra



**TRIBUNA** Armar ta' erba' kollonni dekorattivi mibnija fuq il-presbiterju madwar l-altar maġġur u li jsostnu iċ-ċelu jew tużell. Kemm-il darba, l-knejjes bażilikali, flok tużell waħdu fuq l-artal, ikollhom it-tribuna.



**TROLL** Saqaf maħdum bħal arkata mat-tul kollu tal-kursija tal-knisja. Ing. *barrel vault*

**ZOKKLU / ZOKKLATURA** F'termini ta' arkitettura, iz-zokklu hu l-parti l-aktar baxxa tal-bażi tal-kolonna. Il-forma taz-zokklu jista' jkun kwadru, jew rettangolari u rqajjaq. Ing. *plinth, socle, dado*.



**ZUNTIER / ZIMTIER** Ir-reċint, jew pavimentar ta' quddiem jew ħdejn il-knisja. Fl-antik din il-parti kienet isservi bħala ċimiterju, tant li l-kelma zuntier ġejja mill-Sqalli *zimmiteri.* Anki Agius de Soldanis (1712 – 1770) jirriferi għal din il-parti bħala 'zimtier'. Dan jindika li fi żmien A. de S., iz-zuntier kien għadu jservi bħala l-post tad-dfin. Fil-kuntest tal-lum, iz-zuntier iservi aktar bħala l-post fejn wara l-quddiesa ħafna nies jieqfu, u jinġabru biex jgħidu xi kelma qabel ma jmorru lura d-dar!

**TMIEM**

*Ritratti: Joe Morana*